MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2003

Appell Civili Numru. 992/1995/1

**John Mallia ghan-nom u fl-interess ta' l-assenti
Nazzareno Spiteri**

**Vs**

**Kontrollur tad-Dwana u ghal kull interess li jista' jkollu
l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**

**Il-Qorti;**

**<u>I PRELIMINARI</u>**

1. Fl-24 ta' Lulju 1995, John Mallia, ghan-nom u fl-interess ta' l-assenti Nazzareno Spiteri, intavola rikors quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili li bih ta dettalji ta' l-incident li sehh fit-2 ta' Lulju 1995, fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta u li wassal ghall-qbid mill-Kontrollur tad-Dwana ta' diversi oggetti tal-fidda mill-pussess ta' l-istess Nazzareno Spiteri. Dan il-qbid gie effettwat bis-Seizure Notes numri 29/95 u 71/95 li jinsabu esebiti bhala dokumenti A u B a fol 5 u 6 tal-process. Ir-rikorrenti talab lil dik il-Qorti li joghgobha tordna li jigu rilaxxjati l-oggetti kollha maqbuda mill-Kontrollur tad-Dwana skond il-lista annessa mas-Seizure Note numru 71/95 u li dik il-Qorti joghgobha tordna li l-istess oggetti jigu restitwiti lir-rikorrent *nomine*.

2. Il-Kontrollur tad-Dwana u l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, li gie mharrek ghal kull interess li jista' jkollu, ikkontestaw il-pretensjoni tar-rikorrenti b'risposta pprezentata fl-1 ta' Settembru, 1995. Biha huma opponew ghall-akkoljiment tat-talbiet kontenuti fir-rikors tar-rikorrenti u dana ghar-ragunijiet li huma esponew fl-istess risposta taghhom.

3. Jirrizulta illi fit-30 ta' Gunju 1998, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali, tat sentenza fl-ismijiet <u>"Il-Pulizija (Spettur Alexandra Farrugia Mamo) vs Nazzareno Spiteri</u>, li kienet tikkoncerna l-incident li gara fit-2 ta' Lulju 1995, fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta. B'dik is-sentenza, li kopja taghha tinsab a fol. 36 *et sequitur* tal-process, gie michud appell interpost mill-istess Nazzareno Spiteri mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-11 ta' Marzu 1996, u giet konfermata l-istess sentenza appellata. Biha, Nazzareno Spiteri kien gie misjub hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kien gie ikkundannat ghal piena ta' sitt xhur prigunerija sospiza ghal sena (u dan b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali). *Inoltre*, dik is-sentenza ordnat il-konfiska ta' l-oggetti kollha maqbuda u deskritti fin-Nota ta' Qbid numru 71/95. Fis-17 ta' Marzu 1999, il-Kontrollur tad-Dwana ipprezenta risposta ulterjuri li tinsab a fol. 76 tal-process. Ippretenda li ma kienx legittimu kontradittur ghat-talbiet tar-rikorrenti, ghaliex bl-imsemmija sentenza

ta’ l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali tat-13 ta’ Gunju 1998, huwa gie zvestit minn kull pussess li kellu fuq l-oggetti riklamati mir-rikorrent. Il-Kontrollur tad-Dwana irrileva li l-istess sentenza ghaddiet il-proprjeta` ta’ dawn l-oggetti f’idejn il-Gvern ta’ Malta, u kull dritt ta’ azzjoni li ghandu r-rikorrenti jezisti biss fil-konfront ta’ terzi li bl-agir kriminuz taghhom setghu (tassew jekk hu l-kaz) ikkawzaw xi danni fil-konfront tieghu. Ghalhekk, l-istess Kontrollur tad-Dwana talab li jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

4. Fid-29 ta’ Marzu 1999, ir-rikorrenti wiegeb hekk:
“Il-fatt li waqt il-mori tal-kawza ghadda l-oggetti riklamati mir-rikorrent, qabel id-digriet finali ta’ din il-Qorti lill-Gvern ta’ Malta, ma jibdel xejn mill-posizzjoni ta’ l-intimat li jkun il-legittimu kontradittur f’din il-kawza.”

5. Wara li l-ewwel Onorabbli Qorti hadet konjizzjoni tas-sottomissjonijiet maghmulha mill-partijiet dwar l-eccezzjoni tal-legittimita` tal-persuna tal-Kontrollur tad-Dwana, dik il-Qorti tat id-decizjoni taghha fuq din il-kwistjoni fit-3 ta’ Mejju, 2000. Bis-sentenza taghha l-ewwel Onorabbli Qorti cahdet dik l-eccezzjoni wara li ikkunsidrat, *inter alia*, hekk:
“Fl-ewwel lok ghandu jigi rilevat li l-eccezzjoni ta’ l-illegittimita` ta’ l-attur jew tal-konvenut f’kawza hija regolata bis-sub-titolu IV tat-Titolu II tat-Tieni Ktieb tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili li jitkellem **Fuq Materji partikolari tal-Procedura Gudizzjarja**.

L-artikolu 780 jiddisponi li tali eccezzjoni tista’ tinghata meta l-attur jew il-konvenut *huwa inkapaci skond il-ligi biex joqghod f’kawza, inkella biex iharrek jew jigi mharrek fl-isem u fl-interess ta’ haddiehor, minghajr ma jkun awtorizzat skond il-ligi ghaldaqshekk.*

L-artikolu sussegwenti jelenka dawk il-persuni li skond il-ligi mhumiex kapaci joqghodu f’kawza la bhala atturi u lanqas bhala konvenuti u li fil-konfront taghhom tali eccezzjoni ghandha tigi milqughha. Fost dawn insibu l-minuri, il-persuni furjuzi jew mohhhom marid jew kull persuna ohra li ma jkollhiex l-ezercizzju jew l-amministrazzjoni libera tal-jeddijiet li fuqhom tkun il-

kawza, hlief fil-persuna ta' dak li skond il-ligi jkollu f'idejh dik l-amministrazzjoni, jew ta' kuratur *ad litem*.

Issa l-intimat qed isostni li bhala konsegwenza tas-sentenza imsemmija huwa gie zvestit minn kull pusses li kellu fuq l-oggetti reklamati mir-rikorrent, billi l-proprjeta` ghaddiet f'idejn il-Gvern ta' Malta. Ghalhekk, qed jigi sottomess, li huwa qatt ma jista' jigi kkundannat jirritorna l-effetti konfiskati kif mitlub fir-rikors promotur. Din il-Qorti tifhem li t-talba ta' l-intimat sabiex jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju hija bazata fuq dak li jipprovdi l-artikolu fuq citat fis-sens li issa l-intimat m'ghandux "l-ezercizzju jew l-amministrazzjoni libera tal-jeddijiet li fuqhom tkun il-kawza." Dan inkwantu l-istess effetti, skond hu, mhux aktar taht il-kontroll tieghu.

Din il-Qorti tapprezza s-sitwazzjoni li issa jinsab fiha l-intimat, dovuta principalment minhabba diversi talbiet tal-kontendenti f'dawn il-proceduri ghal differimenti pendenti l-ezitu tal-proceduri kriminali li finalment ordnaw il-konfiska. Izda ghandu jinghad li fid-data meta giet istitwita l-kawza l-intimat certament kien il-legittimu kontradittur u dana *ai termini* ta' l-artikolu 72 tal-Kap. 37 tal-ligijiet ta' Malta li jipprovdi kull talba ghar-ripreza ta' l-oggetti maqbuda ghandha tigi indirizzata lill-Kontrollur tad-Dwana li jkun ha pussess tal-istess effetti. *Inoltre* l-istess intimat bhala kap ta' Dipartiment tal-Gvern ghandu r-rapprezentanza ta' l-istess Gvern *ai termini* ta' l-artikolu 181 (B) tal-Kap. 12. Isegwi li f'kaz ta' ezitu favorevoli ghar-rikorrent, fejn jkun hemm dikjarazzjoni li l-qbid ma kienx skond il-ligi, l-istess intimat, qua rapprezentant tal-Gvern, jkun obbligat li jirritorna l-effetti maqbuda u issa sekwestrati f'idejn l-istess Gvern minnu rapprezentat."

## <u>**II L-APPELL**</u>

6. L-intimati jappellaw minn din id-decizjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti b'rikors ipprezentat fid-19 ta' Mejju 2000. Ghar-ragunijiet migjuba fl-istess rikors, huma talbu li dina l-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza ta' l-ewwel Qorti moghtija fit-3 ta' Mejju 2000, u minflok tilqa' l-

eccezzjoni ta' l-appellanti u b'hekk tichad it-talbiet tar-rikorrenti appellat taz-zewg istanzi kontra tieghu.

7. Ir-rikorrenti appellat ma ipprezenta ebda risposta ta' appell izda d-difensur tieghu deher fl-udjenzi mizmuma minn din il-Qorti u ikkontesta l-appell.

## III KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI

8. Jidher li l-motivi ta' gravam imressaq mill-intimati appellanti jistghu jigu divizi fi tliet partijiet. Fl-ewwel parti, l-appellanti jsostnu t-tezi li r-rikorrenti appellat m'ghadx baqaghlu dritt li jkompli b'din il-kawza minhabba l-konfiska li giet ordnata mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali ta' l-oggetti meritu tal-kawza:-

"Illi l-konfiska ta' oggett minn Qorti Kriminali tfisser li l-persuna li mill-pussess taghha ittiehed l-oggett giet zvestita minn kwalunkwe pussess ta' l-istess oggetti, u llum il-proprjeta` tieghu tinsab definittivament f'idejn il-Gvern. L-oggetti ghaldaqstant ma jistghu qatt jinghataw lura lill-persuna li minghandha kienu elevati skond il-ligi, u dik il-persuna ma tistax tipprosegwixxi azzjoni biex tiehu lura oggetti li fuqhom hija m'ghandha ebda dritt.

Illi ma tezisti ebda azzjoni biex wiehed jiehu lura oggetti konfiskati b'sentenza tal-Qorti Kriminali u ghalhekk ir-rikorrent certament li qatt ma jista' jilhaq l-iskop li jiehu lura oggetti hekk konfiskati f'sede penali."

9. It-tieni motiv ta' gravam kontenut fir-rikors ta' l-appellanti, jikkonsisti fit-tezi li bis-sahha ta' l-istess sentenza tal-Qorti Kriminali, li ordnat il-konfiska, il-Kontrollur tad-Dwana gie zvestit mill-pusses ta' l-oggetti meritu tal-kawza. Din it-tezi hija spjegata fir-rikors hekk:

"Illi bl-istess konfiska, id-dipartiment tal-Gvern koncernat ikun ukoll zvestit mill-pussess ta' l-oggett, u jkun jinsab fl-impossibilita` li jroddu lura lill-persuna li minghandha jkun ittiehed.

Illi l-artikolu 72 tal-Kap. 37 jaghti l-fakulta` lill-persuna li minghandha jkun inqabad xi oggett, li tikkontesta dan il-qbid permezz ta' rikors fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili. Fin-nuqqas ta' din il-kontestazzjoni, l-oggetti jkunu konfiskati.

Min-naha l-ohra, il-konfiska fi proceduri kriminali hija piena ohra li jista’ jinghata l-imputat, u din tista tkun ordnata anke jekk l-imputat ma jinstabx hati.

Illi ghalhekk l-appellant huwa legittimu kuntradittur fil-proceduri li fihom ikun impunjat il-qbid ta’ oggetti, izda mhux meta jkun hemm konfiska definittiva ordnata minn Qorti Kriminali. Fil-kaz tal-ahhar, l-appellant ma jibqax il-legittimu kuntradittur, ghax tinbidel ir-relazzjoni bejn il-persuna li qed timpunja l-qbid u l-appellant. L-appellant ma jkunx iktar fil-possibilita` li jrodd lura l-oggetti hekk konfiskati.”

10. It-tielet motiv ta’ gravam kontenut fir-rikors ta’ l-appell ta’ l-intimati jikkonsisti fis-sottomissjoni li:
“lli l-esponent hass ruhu partikolarment aggravat bid-decizjoni ta’ l-ewwel Onorabbli Qorti fis-sens li anke wara l-konfiska definittiva f’sede penali l-Prim Awla xorta tista’ tiddeciedi li l-qbid ma sarx skond il-ligi u xorta tista’ tordna l-oggetti konfiskati jinghataw lura.

Illi dan il-principju enunzjat fis-sentenza jmur kontra c-certezza tad-dritt f’materja ta’ sentenza tal-Qrati billi jimplika li anke wara li kaz ikun gie pruvat *oltre* d-dubju ragonevoli f’Qorti ta’ gurisdizzjoni penali dik is-sentenza tista’ tigi effettivament annullata f’sede civili a bazi ta’ grad ta’ prova inqas oneruz.”

11. Ir-rikors ta’ l-appell ta’ l-intimati jispicca b’referenza ghal sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta’ Dicembru, 1992, fil-kawza fl-ismijiet “Dr. Leo Bencini *nomine* vs Kontrollur tad-Dwana”, (Citazzjoni Numru 1201/92).

12. Din il-Qorti ikkunsidrat akkuratament is-sottomissjonijiet li ghamlu l-appellanti fir-rikors ta’ l-appell taghhom kif ukoll fit-trattazzjoni orali li din il-Qorti segwiet fis-seduta tal-14 ta’ Mejju 2003. Fil-fehma konsiderata taghha, is-sottomissjonijiet ta’ l-appellanti kontenuti fil-paragrafi 8 u 10 *supra* mhumiex, bir-rispett kollu, verament relevanti ghall-vertenza li bhalissa tinsab quddiem il-Qorti. Il-kwistjoni li ghandha quddiemha l-Qorti

bhalissa ma tikkoncernax il-kwistjoni jekk, in vista tal-konfiska ordnata mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ta' l-oggetti meritu tal-kawza, ir-rikorrenti ghadx ghandu d-dritt li jipprosegwi b'din il-kawza. Lanqas tikkoncerna l-kwistjoni dwar il-possibilita` li jista' jkun hemm sentenza minn Qrati Civili li tkun f'kunflitt ma' sentenza moghtija mill-Qorti tal-gudikatura kriminali. *Invece*, l-kwistjoni li qeghdha tigi indagata u li trid tigi deciza hija precizament il-kontestazzjoni tal-Kontrollur tad-Dwana li huwa ma ghadux legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri *stante* li giet effettwata l-konfiska ta' l-oggetti in kwistjoni a favur tal-Gvern bis-sahha tas-sentenza msemmija ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali.

13. Issa jekk wiehed jezamina l-lanjanzi kontenuti fir-rikors ta' l-appell ta' l-intimati, u li huma verament relevanti ghal din il-kwistjoni li qed tigi investigata issa, wiehed isib li l-appellanti ma ressqu ebda argument gdid quddiem din il-Qorti. Huma ilimitaw ruhhom biex irrepetew is-sottomissjonijiet li kienu diga` ghamlu quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti. L-ewwel Onorabbli Qorti accettat it-tezi ta' l-appellat u wara li hasbet fit-tul fuq din il-kwistjoni, din il-Qorti kkonkludiet li ma ssibx ragunijiet validi biex tiddissenti minn dik il-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Onorabbli Qorti. Din il-Qorti tikkondividi r-ragunament kontenut fis-sentenza appellata u ma ssib xejn ta' utilita` xi zzid ma' dak ir-ragunament, li huwa logiku u konvincenti. A skans ta' ekwivoci din il-Qorti qeghdha thalli impregudikati l-kwistjonijiet menzjonati fir-rikors ta' l-appell ta' l-intimati u li din il-Qorti qisithom[1] bhala strettament irrelevanti ghall-kwistjoni limitata jekk il-Kontrollur tad-Dwana hux jew le legittimu kontradittur f'din il-kawza, liema kwistjoni <u>biss</u> giet investigata u deciza b'din is-sentenza.

14. Din il-Qorti ezaminat ukoll is-sentenzi riferiti fin-nota ta' l-imsemmi appellant, ipprezentata fis-16 ta' Gunju 2003, izda sabet li dawn, ma kienux strettament relevanti ghal kwistjoni limitata appena accennata.

---

[1] ara para. 12 *supra*

Ghal dawn il-motivi, l-appell qieghed jigi michud, is-sentenza appellata ta’ l-ewwel Qorti qeghdha tigi ikkonfermata u qed jigi ordnat li l-atti jintbaghtu lura lill-istess l-ewwel Onorabbli Qorti sabiex il-kaz ikompli jinstema’ skond il-ligi.  L-ispejjez ta’ dan l-incident jibqghu a karigu ta’ l-intimat Kontrollur tad-Dwana.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------